2007 — European Year of Equal Opportunities for All

# Nagħmlu Differenza Kbira

## L-Unjoni Ewropea u l-MTV jsejħu lit-talent żagħżugħ ta' l-Ewropa sabiex jirrappreżenta d-diversità u l-ugwaljanza

**Brussel, 29 ta' Ottubru 2007**

Illum l-Unjoni Ewropea qed tniedi l-kompetizzjoni l-aktar reċenti tagħha sabiex tqajjem kuxjenza dwar l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni b'reklam ta' 30 sekonda fuq l-MTV, l-akbar stazzjon żagħżugħ dinji. Ir-reklam isejjaħ liż-żgħażagħ sabiex idaħħlu xogħlijiet ta' arti, li jinkludi ritratti, vidjows u *collages*, fuq is-suġġett tad-diversità u l-ugwaljanza.

Meta kien qiegħed jikkummenta fuq it-tnedija ta' din il-kompetizzjoni, Vladimir Špidla, il-Kummissarju Ewropew għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs, qal "It-trattament tad-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tat-trattament indaqs għal kulħadd huma għanijiet kruċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Din il-kompetizzjoni kreattiva hija mezz ideali sabiex inferrxu dawn il-messaġġi, biex nagħtu lill-ispettaturi ta' l-MTV ta' l-Ewropa ċ-ċans li jsemmgħu leħinhom u biex juru t-talenti tagħhom ma' l-UE kollha. Aħna ħerqana li naraw is-sottomissjonijiet tagħhom!"

Il-kompetizzjoni hija waħda minn firxa ta' attivitajiet maħsubin biex iqajmu għarfien li ser isiru bħala parti mis-Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007 u l-kampanja ta' informazzjoni ta' 5 snin 'Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt.' Il-perjodu tad-dħul għall-kompetizzjoni ser jibqa' sejjer sat-8 ta' Diċembru u r-rebbieħ jitħabbar fis-17 ta' Diċembru 2007.

### Reklam

Ir-reklam jibda b'wiċċ bil-partijiet tiegħu, ir-ras, il-ħalq u l-imnieħer, jinbidlu b'mod mgħaġġel sabiex juru nies ta' oriġini, reliġjonijiet, etajiet, ħiliet u orjentamenti sesswali differenti, u b'hekk jenfasizza d-diversità tar-razza umana. Imbagħad jgħaddi biex juri għadd ta' persuni żgħażagħ joħolqu xogħlijiet ta' l-arti – kollha bi sfond abjad leqqieni. Leħen jistieden lill-ispettaturi jidħlu għall-kompetizzjoni u jkollhom iċ-ċans li jirbħu vjaġġ ta' €4.000 għal tnejn għall-belt Ewropea ta' l-għażla tagħhom.

### DiverseCity

Bħala parti mill-kompetizzjoni, tnediet paġna tal-websajt ***DiverseCity*** fuq eudiversity.com. Hawn il-viżitaturi jistgħu jtellgħu x-xogħol ta' l-arti tagħhom, joħolqu l-identità tagħhom stess fuq l-internet u jippromwovu s-sottomissjoni favorita tagħhom matul votazzjoni bl-internet mid-9 sas-16 ta' Diċembru. Għażla ta' l-aħħar sottomissjonijiet ser tintuża f'inizjattivi li jqajmu għarfien madwar l-UE kollha.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kampanja 'Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt.' u s-Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007, u sabiex tara r-reklam, jekk jogħġbok idħol:
www.stop-discrimination.info
http://equality2007.europa.eu

Kuntatt stampa:
Sarah Coppens
MEDIA CONSULTA International Holding AG
Wassergasse 3
10179 Berlin
Germany
Tel: +49 30 65 000 358
s.coppens@media-consulta.com